MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 1994/1995/1

**Enrico *sive* Envic Galea u Maria Dolores *sive* Doris mizzewgin flimkien, Anthony Ciantar u Mary mizzewgin flimkien, Joseph Camilleri u Frances mizzewgin flimkien, Maurice Cini u Jane mizzewgin flimkien, Emmanuel Azzopardi u Sylvia mizzewgin flimkien, Paul Darmanin u Grace mizzewgin flimkien, Joseph Debono u Mary Grace mizzewgin flimkien, Anthony Scicluna u Rose mizzewgin flimkien, Joseph Busuttil u Lorenza mizzewgin flimkien, Eugenio Debono u Sylvia mizzewgin flimkien, Joseph Cassar u Doreen mizzewgin flimkien, Anthony Degiorgio u Josephine mizzewgin flimkien, Denis Mizzi u Pauline mizzewgin flimkien, Angelo Gauci u Gracie mizzewgin flimkien, Pierre Debrincat, Kathleen Caruana u l-Onorevoli Joseph Mizzi.**

**Vs**

**Carmel Cacopardo bhala Chairman tal-Cottonera Rehabilitation Committee, id-Direttur tad-Dipartiment**

**ta’ l-Agrikoltura u Sajd, ic-Chairman ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar, ic-Chief Government Medical Officer u l-Kummissjonarju ta’ l-Artijiet; u b’digriet tal-20 ta’ Gunju, 2005 gie kjamat in kawza l-Kunsill Lokali tal-Kalkara.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-23 ta’ Novembru, 1995 li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-intimati bdew xoghol ta’ tindif u ta’ tnehhija ta’ kapitelli fi gnien f’medda art li qeghda quddiem il-*housing estate* ta’ Rinella Bypass, Kalkara, li ilu ghal snin twal ma jintuza, li jinsab xi hamsa u ghoxrin metru ‘l boghod mir-residenza privata ta’ l-esponenti;

Premess illi dan kien inghata mid-Dipartiment tas-Servizzi Inglizi lid-Dipartiment ta’ l-Artijiet fl-1978 u dan gie mikri mid-Dipartment ta’ l-Artijiet lid-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura u l-uzu tieghu kien ta’ gnien pubbliku;

Premess illi l-esponenti saru jafu li l-awtoritajiet ghandhom intenzjoni jibdlu l-uzu prezenti agrikolu tieghu u jikkonvertuh f’cimiterju;

Premess illi din l-azzjoni progettata hija in vjolazzjoni diretta ta’ l-Artiklu 136 (1) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta’ Malta li l-ebda cimiterju ma jista’ jinbena f’boghod ta’ anqas minn mija u tlieta u tmenin metru (183 m) minn dar ta’ abitazzjoni;

Premess illi l-esponenti huma kollha residenti f’dawk l-inhawi u ghalhekk kellhom interess jagixxu u jitolbu l-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni liema Mandat gie akkordat b’digriet tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, fil-15 ta’ Novembru, 1995 fin-numru 2905/95 u fl-ismijiet “Enrico *sive* Envic Galea *et* vs Perit Carmel Cacopardo *et nomine*”;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-bini, tkomplija jew xoghlijiet konnessi mal-konverzjoni ta’ dan il-gnien f’cimiterju jivvjolaw l-Artikolu 136(1) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Testendi definittivament l-effetti tal-mandat ta’ inibizzjoni Numru 2905/95 moghti minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess atturi, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Kummissarju ta’ l-Artijiet u d-Direttur ta’ l-Argrikoltura u Sajd, ipprezentata fis-26 ta’ Jannar, 1996 li permezz taghha huma eccepew:

Illi t-talbiet ta’ l-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li:

a. L-art in kwistjoni tikkomprendi cimiterju navali li jikkonsisti f’mitejn u tmenin qabar u ilu cimiterju sa minn zmien l-Ewwel Gwerra Dinija u li ilu hemm ferm qabel ma marru joqghodu fl-inhawi l-atturi;

b. Ic-cimiterju qatt ma gie konvertit fi gnien pubbliku kif qed jallegaw l-atturi izda biss kien hemm hsieb li dan isir liema hsieb qatt ma gie realizzat;

c. Illi wara studji u konsultazzjonijiet opportuni gie deciz li jkun iktar utli u logiku li l-art in kwistjoni tigi riabilitata bhala cimiterju kif kienet qabel;

d. Illi dan biex kaz ta’ bini ta’ xi cimiterju gdid izda sempliciment li cimiterju li kien abbandunat qed jigi riabilitat;

e. Illi huma m'ghandhomx ibatu spejjez;

f. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti, u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Chairman ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar pprezentata fil-31 ta' Jannar, 1996 li permezz taghha huwa eccepixxa:-

Preliminarjament l-istess konvenut li gie liberat mill-effett tal-mandat ta' inibizzjoni numru 2905/95 l-istess citazzjoni hija nulla fil-konfront taghhom stante li kellha tigi preceduta b'ittra ufficjali jew protest;

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-Awtorita` ma ghamlet ebda xoghol ta' bini jew konverzjoni ta' bini minn girien (*sic!*) ghal cimiterju;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut, u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Carmel Cacopardo *nomine*, ipprezentata fl-1 ta' Frar, 1996 li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li:

a. L-art in kwistjoni tikkomprendi cimiterju navali li jikkonsisti f'mitejn u tmenin qabar u ilu cimiterju sa minn zmien l-Ewwel Gwerra Dinija u li ilu hemm ferm qabel ma marru joqghodu fl-inhawi l-atturi;

b. Ic-cimiterju qatt ma gie konvertit fi gnien pubbliku kif qed jallegaw l-atturi izda biss kien hemm hsieb li dan isir liema hsieb qatt ma gie realizzat;

c. Illi wara studji u konsultazzjonijiet opportuni gie deciz li jkun iktar utli u logiku li l-art in kwistjoni tigi riabilitata bhala cimiterju kif kienet qabel;

d. Illi dan biex kaz ta' bini ta' xi cimiterju gdid izda sempliciment li cimiterju li kien abbandunat qed jigi riabilitat;

e. Illi l-funzjoni tieghu f'dan il-kaz hija biss dik li jesegwixxi l-ordnijiet ta' xoghol moghtija lilu mid-Dipartiment tas-Sahha;

2. Illi huwa m'ghandux ibati spejjez;

3 Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Carmel Cacopardo *nomine*, u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Tabib Principali tal-Gvern, ipprezentata fis-6 ta' Frar, 1996 li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi l-Artikolu 136 tal-Kap 10 citat mill-atturi ma hux applikabbli ghall-kaz in ezami stante li c-cimiterju in ezami mhux qed jigi mibni jew estiz izda kien qed jigi riabilitat, mentri l-Artikolu 136 jirreferi ghal kazi ta' estensjoni u bini ta' cimiterji;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost t-tieni talba tac-citazzjoni hija irritwali stante li l-ligi ma tikkontemplax mandati ta' inibizzjoni perpetwi;

4. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Tabib Principali tal-Gvern, il-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Gunju, 2005 li permezz tieghu gie kjamat in kawza l-Kunsill Lokali tal-Kalkara, li wara li gie debitament notifikat, ipprezenta n-nota ta' l-Eccezzjonijiet tieghu fit-18 ta' Jannar, 2006, li fiha huwa eccepixxa:

1. Illi l-Kunsill Lokali Kalkara mhuwiex legittimu kuntradittur f'din il-kawza billi ma ghandu x'jaqsam xejn ma' kwalunkwe pjanijiet jew xoghlijiet allegati mill-atturi fil-fond in kwistjoni;

2. F'kull kaz it-tieni talba attrici hija guridikament improponibbli billi l-effetti ta' mandat ta' inibizzjoni ma jistghux jigu estizi b'mod permanenti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-digriet taghha li bih giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma' l-provi li kien fadal;

Rat l-affidavits u dokumenti pprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet pprezentati mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Minn kif ifformulata, ic-citazzjoni ta' l-aturi hi diretta ghall-otteniment ta' dikjarazzjoni illi l-bini jew xoghlijiet konnessi mal-konverzjoni ta' gnien f'cimiterju jivvjolaw l-Artikolu

136(1) tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija (Kapitolu 10). Hu sew saldat f'numru ta' decizjonijiet illi azzjoni bhal din, definita "*di mero accertamento*", hi permissibbli basta li min jistitwixxi l-azzjoni jkollu interess guridiku tutelabbli li ma jkunx wiehed semplicement ipotetiku izda konkret u sussistenti *di fronte* ghall-imharrek jew xi wiehed fost il-konvenuti hekk maghzula bhala l-legittimi kontradditturi. Ara "**Grazia Borg –vs- Rosa Farrugia *nomine et***", Appell Civili, 15 ta' Marzu, 1957 u "**Joseph Grech -vs- Ludgarda Grech**", Appell Civili, 11 ta' Jannar, 1989. Ghall-precizazzjoni jinghad mill-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** (**1999 Numru 8210**) illi "*nelle azioni di mero accertamento l'interesse ad agire assume il carattere dell'attualita` e la consistenza oggettiva che gli danno rilievo giuridico quale requisito dell'azione soltanto quando la lesione insita nello stato di incertazza che si intende rimuovere attraverso il processo non abbia natura meramente eventuale in quanto essa sia ricollegabile ad una posizione giuridica gia sorta in capo all'interessato*";

Maghmula din l-introduzzjoni, jidher li l-fatti ewlenin tal-kawza jikkonsistu fis-segwenti:-

(1) F'zona li tinsab fl-akkwati tal-fondi residenzjali ta' l-atturi fi Triq il-Missjoni Militari Taljana gewwa l-Kalkara kien hemm cimiterju militari, popolarment maghruf bhala "tal-Germanizi", li fl-1978 ghadda f'idejn il-Gvern Malti minghand id-Dipartiment tas-Servizzi Inglizi. Dan kif ahjar iddezinjat fil-pjanta a fol. 93;

(2) Jidher li f'dik l-istess sena l-fdalijiet tal-midfuna f'dan ic-cimiterju gew ri-ezumati u mehuda fic-Cimiterju Navali tal-Kappuccini. Ara l-lista korrispondenti ta' l-ismijiet tas-suldati tumulati a fol. 95. Jinghad ukoll li c-cimiterju *de quo* gie de-konsagrat;

(3) Jirrizulta illi sa almenu mill-1987 (ara dokument a fol. 173) kien hemm il-hsieb li c-cimiterju jigi kkonvertit fi gnien pubbliku, u l-bosta estratti ta' Mistoqsijiet Parlamentari (fol. 106 sa fol. 115) u t-trapass tas-sit lid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura jikkonfermaw dan l-

intendiment. Hemm ukoll ittra datata 26 ta' Settembru 1994 (fol. 271) li permezz taghha l-Ufficcjal Ewlieni fl-Afforestazzjoni fi hdan id-Dipartiment ta' l-Agrikoltura kiteb lill-Kunsill Lokali tal-Kalkara dwar jekk dan kienx jaqbel mas-suggeriment li jsir gnien. Ara wkoll id-deposizzjoni ta' Joseph Aquilina, Principal Agricultural Officer a fol. 295. Din il-Proposta giet milqugha. Ta' min jirrileva illi l-imsemmi Ufficcjal ta' l-Agrikoltura kien b'ittra tal-21 ta' Novembru, 1994 (fol. 273) informa lill-istess Kunsill li dan ghandu jaghmel stima tax-xoghol u jressaq talba ufficjali lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ghall-approvazzjoni tieghu tal-progett. Jidher li talba bhal din tressqet ghall-ewwel darba lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fil-mori tal-kawza u precizament b'ittra tas-16 ta' Gunju, 2006 (fol. 404) fejn intalbet li z-zona tigi mghoddija lilu b'devoluzzjoni ghal skop ta' gnien pubbliku;

(4) Minn naha tieghu l-Kummissarju ta' l-Artijiet, oltre li kkonferma li qatt ma kellu talba minghand il-Kunsill Lokali biex il-post isir gnien (ara xhieda ta' Albert Mamo a fol. 370) kien, b'ittra tat-30 ta' Novembru, 1992, kiteb lis-C.G.M.O. (ara kopja taghha a fol. 46 u fol. 376) fejn gharrfu illi ghalkemm ic-cimiterju kien fi stat ta' abbandun dan seta' jigi ri-abilitat u z-zona tkompli tintuza bhala cimiterju. Jirrizulta minn ittra tas-7 ta' Novembru 1995 lil Commissioner for Lands (fol. 377) illi s-C.G.M.O. kien qabel li s-sit ta' art jkompli jintuza bhala cimiterju u anzi oggezzjoni li tigi allokata ghal xi skop iehor. Fiha jinghad ukoll illi f'April 1993 tnieda "*cleaning programme*" tac-cimiterju kif, *del resto*, ikkonfermat mix-xhieda bl-Affidavit ta' Nicholas Farrugia (fol. 61) u Saviour Briffa (fol. 62 u fol. 100). L-imsemmi xhud Albert Mamo, Kummissarju ta' l-Artijiet, esebixxa wkoll a fol. 374 Memo tas-Segretarju Parlamentari Dr. Stanley Zammit lill-allura Ministru AIC Michael Falzon fejn fih jinghad li hu kien ghamel spezzjoni fuq is-sit tac-cimiterju u li kien wasal ghal konkluzjoni li "*the site was still in a relatively good state of maintenance*" u li "*it would make more sense to rehabilitate the site as a cemetry*";

(5) Minn naha tal-konvenut Chairman ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar jirrizulta ghal dawk li huma fatti illi

fit-3 ta’ Novembru, 1995 hareg Enforcement Notice (fol. 89) kontra l-Kummissarju ta’ l-Artijiet biex jieqaf minn zvilupp bla permess fuq is-sit ta’ art. Barra minn dan, skond ix-xhieda ta’ Ivor Robinich (fol. 338 u Affidavit a fol. 358), iz-zewg applikazzjonijiet tal-Kunsill ghal “*landscaping works*” tas-sit gew dikjarati invalidi jew insufficjenti ghaliex jew ma thallsux il-*fees* relattivi jew l-applikazzjoni kienet inkompleta;

Ri-epilogati dawn il-fatti kif johorgu mir-rizultanzi istruttorji hi t-tezi principali ta’ l-atturi illi l-bini jew xoghlijiet konnessi ma’ l-izvilupp ta’ cimiterju fuq sit ta’ art fejn qabel, skond huma, kien gnien jikser l-Artikolu 136 (1) tal-Kapitolu 10 li jipprovdi illi “ebda cimiterju ma jista’ jinbena f’boghod ta’ anqas minn mija u tlieta u tmenin metru minn dar ta’ abitazzjoni”;

Evidentement, ir-regola dettata mill-precitat dispost tal-ligi hi mahsuba li tiddixxiplina d-distanza bejn il-kostruzzjoni ta’ cimiterju mill-abitat. Jidher almenu mill-proviso ghall-istess artikolu illi jista’ jsir deroga ghal dik id-distanza prefissa u dan fis-sens li tista’ teccedi dak il-limitu ta’ 183 metru jew anke, skond il-kaz, li dak l-istess limitu jigi ridott, skond kif jordna s-Superintendent tas-Sahha. Li jfisser, illi l-presunzjoni tal-perikolozita ghas-sahha jew l-inkonvenjent mhix wahda “*iuris et de jure*” in kwantu hi dipendenti mill-prova u l-accertament tal-perikolu jew ta’ l-inkonvenjent. Naturalment, anke jekk ic-cimiterju *de quo* hu beni demanjali, id-distanza legali trid tigi osservata u rispettata anke mill-amministrazzjoni pubblika. Ukoll, naturalment, anke jekk diskrezzjonali, hu mistenni li d-decizjoni tas-Superintendent imsemmi tkun wahda logika, koerenti u ragonevoli, anke jekk l-amministrazzjoni u s-supervizjoni tac-cimiterji tispetta in via esklussiva lid-Dipartiment tas-Sahha u dan in vista ta’ l-aspett partikolari taghhom u tal-ligijiet sanitarji dwarhom;

Premess dan, huwa indiskuss illi l-proprjetarji tal-fondi abitati jistghu jagixxu ghall-harsien u salvagwardja tad-

drittijiet taghhom meta jkollhom motiv, purke` attwali u anke gravi ta' xi pregudizzju potenzjali ghas-sahha taghhom jew ghall-hwejjighom, u jistghu anke jitolbu c-cessazzjoni tal-molestja fil-konfront taghhom. In effetti, fl-ipotesi taht konsiderazzjoni jidher li l-atturi qeghdin jaggixxu ghaz-zamma ta' l-istat ta' fatt ezistenti, dejjem skond huma, konsistenti minn gnien, u ghall-iskansar tat-turbativa pregudizzjevoli ghall-interessi taghhom. Sa hawn l-azzjoni hi sew proposta anke jekk ghandha karattru merament dikjarattiv. Ovvjament, jekk l-istess azzjoni ghandhiex fondament, tali hu dipendenti mill-apprezzament ta' l-elementi ta' fatt li johorgu mill-provi, u mill-interpretazzjoni tad-disposizzjoni rilevanti tal-ligi f'abbinament ma' l-istess elementi ta' fatt;

Preponderantement, l-argomenti ta' l-atturi, kif dawn jinzlu mill-bosta Noti ta' l-Osservazzjonijiet taghhom, huma koncizament kif gej:-

(1) Is-sit tac-cimiterju kien abbandunat u kien ukoll gnien jew kien hemm l-intendiment li jsir gnien. Fih ghal ghexiren ta' snin ma baqax isir dfin u sahansitra anke inhareg permess biex minnu jigu sparati loghob tan-nar, haga li kieku kien tabilhaqq cimiterju ma setghetx, a norma ta' l-Artikolu 140 tal-Ligijiet tal-Pulizija ssir;

(2) Huma akkwistaw il-fondi rispettivi taghhom wara li c-cimiterju ma baqax jintuza bhala tali, u gie abbandunat, de-konsagrat u mnaddaf mill-fdalijiet tal-ghadam uman. Huma ghaldaqstant jikkontendu illi jekk tinbidel is-sitwazzjoni tal-lok dan igib kambjament ukoll ghal qaghda, fil-mument ta' l-akkwist, tal-fondi taghhom bil-konsegwenti telf ta' godiment ta' hajja u tad-diminuzzjoni fil-valur tal-proprjeta`;

(3) Fundamentalment, li kull zvilupp jew re-attivar tal-lok tac-cimiterju bhala tali hu in vjolazzjoni tad-distanza regolamentari skond l-Artikolu 136 (1), Kapitolu 10;

In mertu ghal dawn l-argomenti l-konsiderazzjonijiet li trid taghmel din il-Qorti huma fl-ordni segwenti:-

1. *In primis*, huwa minnu li dak li kien cimiterju tas-servizzi gie de-konsagrat u mnaddaf u ma baqax jintuza ghad-dfin. Huwa minnu wkoll illi f'xi zmien kien taht il-kontroll tal-Ministry of Productive Development (ara dokumenti a fol. 173 *et sequitur*) ghall-iskop li dak li kien xi darba cimiterju jigi transformat fi gnien. B'danakollu, almenu skond ma jirrizulta mill-provi attendibbli, huwa daqstant iehor veru li l-istess sit tac-cimiterju fir-realta qatt ma nbidel fi gnien ghax qatt ma ttiehdet decizjoni finali dwar daqshekk. F'dan, il-Qorti ssib korroborazzjoni mill-fatt tal-proposta li saret lill-Kunsill Lokali fl-1994 mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura dwar jekk l-istess Kunsill kienx jaqbel li s-sit isir gnien. Hu sostenut ukoll mill-fatt illi talba formali ghall-permessi relattivi lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar ghal "*landscaping works*" saru biss fil-mori tal-kawza, u precizament fis-sena 2005 (ara dokument a fol. 333). Hu minn dan kollu indikattiv illi ghalkemm kien minn xi setturi ta' l-Amministrazzjoni pprogrammat li jsir gnien din il-funzjoni qatt ma immaterjalizzat ruhha u lanqas, fil-konkret, approvata;

2. Dikjaratament, imbaghad, mill-ottika tad-Dipartiment tas-Sahha Ambjentali, li tahtu taqa' r-responsablita` tac-cimiterji, u, allura mieghu marbuta wkoll ir-Regolamenti relattivi dwar ic-cimiterji, u d-dfin ta' kadavri taht il-Kapitolu 10, qatt ma kellu dik l-istess intenzjoni tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura illi c-cimiterju jinbidel fi gnien. Pjuttost il-kuntrarju hu l-kaz, kif manifest fl-esposizzjoni tal-fatti taht punt (4) u, ukoll, mix-xhieda tad-Direttur tas-Sahha Ambjentali, John Attard Kingswell a fol. 432. Dan ta' l-ahhar difatti jippreciza illi "l-politika tad-Dipartiment, u meta hemm domanda ghall-oqbra, ma kienetx taghmel sens li tibni cimiterji godda f'postijiet li jistghu jintuzaw ghall-affarijiet ohra izda li tirriabilita` l-oqbra f'cimiterji ezistenti u tuzahom ghad-dfin ghall-uzu tal-pubbliku";

3. Ir-rijabilitazjzoni tac-cimiterju ezistenti mhix l-istess haga ghal dik ta' bini ta' cimiterju gdid ghal liema

tirreferi t-terminologija esplicita fl-Artikolu 136 (1) tal-Kapitolu 10. Anke jekk de-konsagrat u mnaddaf mill-fdalijiet ta' ghadam, ic-cimiterju *de quo* ma tilefx il-fizjonomija jew il-karatteristika tieghu ta' cimiterju kif minn zmien antik kien;

4. Mhix korretta l-asserzjoni ta' l-atturi illi nghata xi permess lill-Kazin tal-lokal biex jinharaq loghob tan-nar mis-sit tac-cimiterju, anke jekk saret talba f'dan is-sens fil-15 ta' Mejju, 1996 u s-16 ta' Gunju, 1995 mis-Segretarju tas-Socjeta` Filarmonika Sagra Familja (ara ittri a fol. 166 u fol. 171). Dan johrog sew mix-xhieda ta' Joseph Aquilina, responsabbli mill-monitoragg tax-xoghlijiet fid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura (fol. 299);

5. Meta l-atturi xtraw il-proprjeta` rispettiva taghhom huma certament kienu ghal korrenti tal-fatt illi fl-inhawi kien hemm ic-cimiterju u mhux allura accettabbli l-argoment illi huma, ghar-ri-attivar tieghu bhala cimiterju, ser isofru pregudizzju minn telf patrimonjali u tal-godiment ta' hajja. Huma, *del resto*, minn kif iddikjarat mill-attur Enrico Galea (fol. 81) mhux kontra c-cimiterju izda li dan mhux fid-distanza regolamentari. F'dawn ic-cirkostanzi l-gudikant ma jistax jinjora s-successjoni fiz-zmien u, allura, li l-fondi residenzjali gew zviluppati wara dak tac-cimiterju li kien ilu sekolarment zgur li nbena;

6. F'kull kaz, u apparti li ma ngiebet lanqas ebda prova soda dwar id-distanzi effettivi mis-sit tac-cimiterju ghall-bini residenzjali, lanqas ukoll ma tressqet xi prova illi r-rijabilitazzjoni tac-cimiterju kienet ta' detriment ghas-sahha jew ta' xi inkonvenjent. F'liema kaz, l-allegata sussistenza ta' xi molestja bhal din ma tinsabx, ghal dik in-nuqqas ta' prova, integrata, lanqas ghall-konvinciment tal-Qorti;

Maghmula dawn l-osservazzjonijiet din il-Qorti ma tarax li tezisti raguni biex tinoltra ruhha fuq certi eccezzjonijiet tal-konvenuti jekk mhux forsi biex tafferma illi f'kull kaz, ad eccezzjoni mill-konvenut Chief Government Medical Officer li tahtu jaqa', kif gja ritenut, il-kontroll tac-cimiterju,

il-konvenuti l-ohra u l-kjamat in kawza ma kienux lanqas il-legittimi kontradittori u li dawn ghandhom ghal dik ir-raguni jigu liberati *ab observantia*. Finalment, ankorke l-ewwel talba ta' l-atturi seta', *gratia argomenti*, ikollha favur, it-tieni talba ghall-estensjoni definittiva tal-mandat ta' inibizzjoni lanqas ma hi akkoljibbli gjaladarba mhux permissibbli li mandat kawtelatorju jigi estiz ghall-perpetwita`. Ara "**Carmela Aquilina -vs- Francis X. Aquilina *nomine***", Appell Civili, 27 ta' Novembru, 1991.

Ghal dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti:

Filwaqt li tiddikjara li l-konvenuti Carmel Cacopardo *nomine*, id-Direttur tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u Sajd, ic-Chairman ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, il-Kummissarju ta' l-Artijiet u lill-imsejjah fil-kawza, il-Kunsill Lokali tal-Kalkara, ma humiex il-legittimi kontradituri, u, konsegwentement, tilliberahom *ab observantia*, tichad ghal kollox u fis-sens ta' l-istess konsiderazzjonijiet it-talbiet ta' l-atturi fil-konfront tal-konvenut ic-Chief Government Medical Officer, bl-ispejjez ta' din il-kawza jitbatew interament mill-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------